**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Att ta' Akkuża Numru: 30/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Casey Anthony VELLA**

**Illum, 28 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

1. Rat l-att ta' akkuża fil-konfront ta' **Casey Anthony VELLA**, ta' sitta u tletin sena (36), iben Carmelo Vella u Rosanna nee` Attard, imwieled Santa Luċija fl-erbatax (14) ta' Mejju 1986 u residenti 12A, St. Paul's by the Sea Street, St. Paul's Bay, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 223886(M), li ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta bil-mod segwenti:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**
***Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel **Casey Anthony Vella**, minn issa l-quddiem

msejjaħ "l-akkużat", iddeċieda li jibda jforni jew jipprokura d-droga *kokajina* ai fini ta' traffikar;

Illi waqt investigazzjoni li kienet għaddejja mill-Iskwadra kontra d-Droga fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, ċertu **Emanuel Calleja** detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 118186M, volontarjament irrilaxxa stqarrija, liema stqarrija ġiet ġuramentata nhar l-għaxra (10) ta' Awwissu tal-elfejn u ħmistax (2015) quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr Natasha Galea Sciberras LL.D., fejn stqarr li kien involut fit-traffikar tad-droga. **Emanuel Calleja** stqarr oltre, li s-*sachet* ta' droga kokajina li nstabet fil-pussess tal-istess **Emanuel Calleja** u kif ukoll żewġ (2) *sachets* oħra kokajina li kien irnexxielu jbiegħ matul il-lejl ta' bejn it-tmienja (8) u d-disa' (9) ta' Awwissu tal-elfejn u ħmistax (2015) kienu tqassmu lilu minn l-akkużat **Casey Anthony Vella** bl-iskop li jiġu traffikati;

**Emanuel Calleja** fl-istqarrija tiegħu jgħid ukoll li madwar tlett (3) xhur qabel irrilaxxa l-istqarrija ġuramentata indikata fil-paragrafu preċedenti, kien beda jaħdem bħala *security* ġewwa Club bl-isem 'Clique' li jinsab fi Triq San Ġorġ ġewwa San Ġiljan. Huwa jgħid li wara xi xahar li kien ilu jaħdem f'dan il-post ta' divertiment miftuħ għall-pubbliku fejn fost l-oħrajn jiltaqgħu iż-żgħażagħ, kien ġie avviċinat minn ċertu **Warren** sabiex jibda ibiegħ id-droga. **Emanuel Calleja** jgħid li **Warren** kien iqabbad lill-akkużat **Casey Anthony Vella** biex jeħodlu ħsieb it-tqassim tad-droga liema droga l-akkużat **Casey Anthony Vella** forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina lill-persuni jew għall-użu ta' persuni. **Emanuel Calleja** jkompli jgħid li l-akkużat **Casey Anthony Vella** kien personalment iqassam id-droga kokajina lil **Emanuel Calleja** u kif ukoll kien iqassam id-droga lill-individwi oħra li kienu wkoll impjegati ta' *security* f'dan l-istabbiliment ta' divertiment u dan bl-intenzjoni li din id-droga kokajina tiġi ttraffikata. Skond **Emanuel Calleja**, l-akkużat **Casey Anthony Vella** li kien ukoll jaħdem bħala *security* fi stabbilimenti ta' divertiment ġewwa San Ġiljan, kien huwa stess ukoll ibiegħ id-droga direttament, minn ġewwa l-Club bl-isem 'Deja Vu' u kif ukoll minn ġewwa l-'Clique'. Sussegwentement, **Emanuel Calleja** stqarr li beda ibiegħ id-droga kokajina u mill-flus li kienu jiġu ggwadanjati mill-bejgħ ta' din id-droga kien iżomm xi ħaġa għalih imbagħad il-bqija kien jgħaddihom lura lil akkużat **Casey Anthony Vella**.

**Emanuel Calleja** stqarr li din it-tip ta' attivita' bejn **Casey Anthony Vella** u bejnu kienet seħħet diversi drabi;

Illi magħdud ma' dan, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa skont il-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u **liema reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ**.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Casey Anthony Vella**, ħati talli, nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u **liema reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ**.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat, **Casey Anthony Vella,** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (116,468.67) u kif ukoll l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10, 12, 14, 20, 22(1)(a), (1B), (2)(a)(i), (3A)(a)(b)(c)(d), (3BA), (7), (9), 22A, 24A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regola 4(a), 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

***Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel, mill-investigazzjoni tal-Pulizija jirriżulta illi apparti d-droga kokajina l-akkużat **Casey Anthony Vella** kien qiegħed ukoll jittraffika, ibiegħ u jqassam mediċina psikotropika konsistenti f'pilloli tad-droga *Ecstasy*;

Infatti, l-imsemmi **Emanuel Calleja** fl-istqarrija ġuramentata tiegħu semma wkoll li apparti d-droga Kokajina indikata fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Casey Anthony Vella** kien għaddielu ukoll id-droga *Ecstasy* ai fini ta' traffikar. **Emanuel Calleja** stqarr oltre, li l-għaxar (10) pilloli ta' droga *ecstasy* li nstabu fil-pussess tal-istess **Emanuel Calleja** u kif ukoll ħames (5) pilloli oħra *ecstasy* li kien irnexxielu jbiegħ matul il-lejl ta' bejn it-tmienja (8) u d-disa' (9) ta' Awwissu tal-elfejn u ħmistax (2015) kienu tqassmu lilu minn l-akkużat **Casey Anthony Vella** bl-iskop li jiġu traffikati;

**Emanuel Calleja**, li kien impjegat bħala *security* fi stabbiliment ta' divertiment fejn jiltaqgħu iż-żgħażagħ bl-isem ta' 'Clique', ikompli jgħid fl-istqarrija ġuramentata tiegħu li l-akkużat **Casey Anthony Vella** kien iqassam id-droga *Ecstasy* lilu u kif ukoll lil *securities* oħra bl-intenzjoni li din id-droga tiġi ttraffikata, apparti minn hekk skond **Emanuel Calleja**, l-akkużat **Casey Anthony Vella**, li wkoll kien impjegat bħala *security* fl-istabbiliment ta' divertiment, kien ukoll ibiegħ id-droga direttament, minn ġewwa l-istabbilimenti ta' divertiment u ċioe' l-Club b'l-isem 'Deja Vu'

u kif ukoll minn ġewwa l-'Clique'. **Emanuel Calleja** stqarr li din it-tip ta' attivita' bejn l-akkużat **Casey Anthony Vella** u bejnu kienet seħħet diversi drabi.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika tal-*Ecstasy* u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 u **liema reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ**.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi **Casey Anthony Vella**, nhar id-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, ttraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika tal-*Ecstasy* u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 u **liema reat sar f'distanza jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ**.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), tar-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, il-Liġi Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**
***Pussess aggravat tad-droga kokajina***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) il-pulizija kontra d-droga wara li rċeviet informazzjoni kunfidenzjali, bdew isegwu l-passi tal-akkużat **Casey Anthony Vella** fejn għall-ħabta tal-ħdax (11.00) ta' filgħaxija, ġie osservat ħiereġ mir-residenza tiegħu fil-Qawra fejn deher li kien qiegħed iġorr basket żgħir f'idu, tip ta' pouch. Illi l-akkużat **Casey Anthony Vella** intlemaħ jirkeb il-vettura ta' marka Toyota IQ bin-numru ta' reġistrazzjoni HBO 321. Il-Pulizija bdiet issegwi lil akkużat **Casey Anthony Vella** billi saqet warajh fejn l-istess deher dieħel ġewwa *parking area* sotterran li jiġi taħt l-Istylish Bathrooms ġewwa *Paceville*. Illi, malli l-akkużat **Casey Anthony Vella** ipparkja l-vettura li kien qiegħed isuq, il-pulizija iddeċidiet li twaqqfu.

Illi minn tfittxija li saret mill-Pulizija fuq il-persuna tal-akkużat u minn tfittxija li saret mill-vettura li kien qiegħed isuq l-akkużat instabu diversi

sustanzi suspettati droga fosthom pakketti b'sustanza bajda, pakketti b'sustanza ħadranija u anke xi pilloli. Illi minn tfittxija ulterjuri li saret ġewwa r-residenza tal-akkużat ġewwa l-Qawra instab ukoll fost oħrajn, ammont sostanzjali ta' droga u ċioe' pilloli u sustanzi oħrajn bojod kif ukoll oġġetti oħra relatati mad-droga fosthom żewġt imwieżen u ammont sostanzjali ta' *self sealing bags*;

Illi ma' tali sejba il-Pulizija ikkomunikat mal-Maġistrat li kien għassa dak in-nhar Dott. Monica Vella, li da parti tagħha fetħet Inkjesta fejn innominat diversi esperti biex jassistu lill-Pulizija;

Illi mill-eżamijiet li saru fuq is-sustanzi elevati minn ġewwa r-residenza tal-akkużat, mill-vettura li kien qiegħed isuq l-akkużat u kif ukoll minn fuq il-persuna tal-akkużat l-espert maħtur ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li trab ta' lewn abjad kien filfatt droga kokajina bil-piż totali ta' mija u tmienja u ħamsin punt sitta u sittin (158.66) gramma b'purita` ta' ċirka tmintax fil-mija (18%). Apparti minn hekk kien hemm ukoll fil-pussess tal-akkużat tlieta u għoxrin punt sittin (23.60) grammi li kienu imxarrba;

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont il-*Malta National Report 2015* huwa ta' għaxart elef, seba' mija tmienja u tmenin punt tmienja u tmenin Ewro (€10,788.88). Bil-piż imxarrab inkluż, l-ammont tad-droga fis-suq Malti jitla għall-tnax il-elf, tlett mija u tlieta u disgħin punt tmienja u sittin (€12,393.68);

Illi l-ammont ta' droga involuta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu;

Illi magħdud ma' dan, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruga skont il-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga perikoluża kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga perikoluża kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar

il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 9, 10, 12, 14, 20, 15A, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3A)(7),(9) 22A, 24, 24A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IR-RABA' (4) KAP</u>**
***Pussess aggravat ta' mediċina psikotropika***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien imsemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, jirriżulta illi nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat **Casey Anthony Vella**, apparti l-pussess tad-droga kokajina msemmija fil-kap preċedenti kien fil-pussess tad-droga *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) b'numru totali ta' elf u tlieta u erbgħin (1,043) pillola u kif ukoll kristalli bis-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) li kellhom il-piż ta' zero punt disgħin (0.90) grammi;

Illi mill-eżamijiet li saru mill-espert maħtur ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li minn estratti meħuda mill-pilloli li nstabu fil-pussess tal-akkużat **Casey Anthony Vella** instabet is-sustanza 3,4-*methylenedioxymethamphetamine (MDMA).* Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont il-*Malta National Report 2015* huwa ta' tmint elef, tmien mija u ħamsa u sittin punt ħamsin Ewro (€8,865.50);

Illi mill-investigazzjonijiet u tfittxijiet li saru mill-Pulizija kemm fuq il-persuna tal-akkużat kif ukoll fil-vettura użata mill-akkużat u fir-residenza tal-akkużat, jidher biċ-ċar, senjatament mill-ammont sostanzjali ta' droga nvoluta u ċirkostanzi li fihom instabet, illi dawn is-sustanzi perikolużi ċertament li ma kienux għall-użu personali ta' l-akkużat **Casey Anthony Vella**;

Illi droga *3,4-methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u in oltre l-akkużat **Casey Anthony Vella** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**Il-konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta MDMA komunament magħrufa bħala *Ecstasy*, mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella** talli sar ħati talli fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta MDMA komunament magħrufa bħala *Ecstasy*, mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella**, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal, fl-Artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), tar-Regolamenti 3 u 5 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, il-Liġi Sussidjarja 31.18 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat.

**<u>IL-ĦAMES (5) KAP</u>**
***Pussess aggravat tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien imsemmija fit-tielet u r-raba' kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, jirriżulta illi nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat **Casey Anthony Vella**, kien ukoll fil-pussess ta' ħaxix suspettat li kien droga *Cannabis*;

Illi mill-eżamijiet li saru mill-espert maħtur ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li l-ħaxix li nstab fil-pussess tal-akkużat **Casey Anthony Vella** kien filfatt droga *cannabis* li tikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fejn l-piż totali kien ta' tnax punt wieħed u ħamsin (12.51) gramma b'purita` ta' ċirka sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%). Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont *il-Malta National Report 2015* huwa ta' mitejn u sebgħa u tletin punt disgħa u sittin Ewro (€2,37.69);

Illi, mill-investigazzjonijiet li saru jidher biċ-ċar, senjatament mill-ammont ta' droga nvoluta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet, illi dawn is-sustanzi perikolużi ċertament li ma kinux intiżi għall-użu personali ta' l-akkużat, iżda kienu intiżi sabiex jiġu ttraffikati f'dawn il-gżejjer;

Illi, d-droga *Cannabis* u kull estratt jew tintura tagħha, jew raża meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raża hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u in oltre l-akkużat **Casey Anthony Vella** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi b'għemilu l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis*,

kollha jew biċċa minnha, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhu għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis,* kollha jew biċċa minnha, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilhu għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella**, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn

tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(d), 10, 12, 15A, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IS-SITT (6) KAP</u>**
***Ħadem bħala gwardjan privat jew offra s-servizzi tiegħu mingħajr ma kellu liċenzja***

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fil-kapijiet preċedenti ta' dan il-Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, l-akkużat **Casey Anthony Vella**, nhar l-tlieta (3) t' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat qabel din id-data fil-Gżejjer Maltin, volontarjament irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn fost oħrajn, stqarr li huwa jaħdem bħala *security* fi stabbiliment ta' divertiment, u kien ilu jaħdem dan it-tip ta' xogħol kważi erba' (4) snin;

Illi mill-investigazzjoni li saret mill-Pulizija jirriżulta li l-akkużat **Casey Anthony Vella** ma kellux liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jahdem bħala *security guard*;

Illi, l-akkużat **Casey Anthony Vella** ħadem bħala gwardjan privat jew offra s-servizzi tiegħu, mingħajr ma kellu liċenzja skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi b'għemilu l-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data fil-Gżejjer Maltin, ħadem bħala gwardjan privat jew offra s-servizzi tiegħu, mingħajr ma kellu liċenzja skont l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Casey Anthony Vella** sar ħati talli, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data fil-Gżejjer Maltin, ħadem bħala gwardjan privat jew offra s-servizzi tiegħu, mingħajr ma kellu liċenzja bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Casey Anthony Vella,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' multa ta' mhux aktar minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u priġunerija ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien ai termini tal-Artikoli 3 u 25(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat **Casey Anthony VELLA** nhar it-23 ta' Novembru 2022;

3. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-24 ta' Awwissu 2023, illi permezz tagħha wieġeb illi din il-Qorti għandha tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużat, u dan għar-raġunijiet hemmhekk indikati;

4. Rat illi fl-udjenza miżmuma nhar it-28 ta' Settembru 2023, quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-partijiet trattaw l-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat;

5. Rat in oltre illi fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar is-26 ta' Marzu 2024, fil-waqt illi din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom l-ebda oġġezzjoni illi l-Imħallef sedenti tkompli tippresjedi din il-kawża, u dan minkejja illi hija kienet waħda mill-Maġistrati sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'dan il-każ;

6. Rat illi fl-istess udjenza tas-26 ta' Marzu 2024, il-partijiet iddikjaraw ukoll illi ma kellhomx iżjed xi jżidu mat-trattazzjoni rispettiva tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, u illi kienu qed jistrieħu fuq it-trattazzjoni li saret minnhom rispettivament quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2023;

7. Rat ukoll illi fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar il-25 ta' Settembru 2024, din il-Qorti reġgħet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dan sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal dak li rriskontrat wara li fliet l-atti proċesswali, fir-rigward ta' liema, b'żieda mad-dikjarazzjoni tagħhom tas-26 ta' Marzu 2024, il-partijiet iddikjaraw illi minkejja li s-seba' eċċezzjoni preliminari tal-akkużat **VELLA** titratta l-inammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mix-xhud Emanuel Calleja, u minkejja wkoll illi l-Imħallef sedenti qua Maġistrat, kienet fiż-żmien hija li semgħet ix-xhieda ġuramentata tal-istess Emanuel Calleja, ma kellhomx oġġezzjoni illi tkun hija stess li tkompli sabiex tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet preliminari f'dan il-każ;

8. Rat in oltre illi fl-istess udjenza tal-25 ta' Settembru 2024, Dr. Roberto Spiteri għall-akkużat, wara li reġa' ħa konjizzjoni tal-atti proċesswali, iddikjara li kien qed jirtira t-tmien (8) eċċezzjoni preliminari;

9. Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

10. Illi permezz tal-**<u>ewwel eċċezzjoni preliminari</u>**, l-akkużat **VELLA** jeċċepixxi n-nullita` tal-att tal-akkuża fl-intier tiegħu. Dan għaliex fil-fehma tiegħu, l-att tal-akkuża ġie drammatizzat b'tali mod li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat se tixħet dawl ikrah fuqu, bil-konsegwenza illi dan jista' jippreġudika irrimedjabilment il-proċess tiegħu mill-bidu nett. Skont l-akkużat, kif redatt, l-att tal-akkuża se jiddisturba s-serenita` tal-ġudizzju tal-ġurati u għalhekk joħloq preġudizzju ta' smigħ xieraq. B'mod speċifiku, l-akkużat jilmenta mill-fatt li l-Avukat Ġenerali konvenjentement għażel li jħalli barra dawk id-dettalji li jimmilitaw favur tiegħu, stante illi mkien fl-att tal-akkuża ma saret referenza għall-fatt illi dak iż-żmien huwa kien safa vittma tal-abbuż tad-droga, u illi huwa kien jikkonsma d-droga b'mod regolari minħabba d-dipendenza akuta illi huwa kellu fuq l-istess. Fil-fehma tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali kellu jindika d-dettalji l-iżjed importanti u fundamentali, u mhux dawk biss li minnufih jixħtu dawl ikrah fuqu. Skont hu, hawnhekk mhux il-każ ta' allegat traffikant ta' droga, li b'mod kiesaħ u biered kien iforni sustanzi lleċiti lil terzi, iżda ta' vittma ta' vizzju qerriedi, stante l-fatt illi dak iż-żmien huwa kien għaddej minn żmien turbulenti ferm f'ħajtu. L-akkużat jisħaq illi l-Avukat Ġenerali għandu jibni l-att tal-akkuża fuq il-provi kollha miġbura waqt l-Istruttorja. Fil-fehma tiegħu, dan in-nuqqas huwa leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, liema dritt huwa mħares mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u illi f'dan is-sens għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, huwa qed jirriżerva l-posizzjoni kostituzzjonali tiegħu.

11. Illi mill-banda l-oħra, l-Avukat Ġenerali jilqa' għal din l-eċċezzjoni tal-akkużat billi jirreferi għall-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali u jsostni illi ma jirriżultax illi l-att tal-akkuża m'huwiex konformi mar-rekwiżiti li trid il-liġi fl-imsemmi artikolu. Lanqas ma tirriżulta xi drammatizzazzjoni tal-fatti biex joħolqu xi mpressjoni fuq il-ġurija, kif jallega l-akkużat, u wara kollox, il-parti narrattiva tal-att tal-akkuża hija biss preżentazzjoni tal-fatti, kif fehmithom il-Prosekuzzjoni, b'dan illi r-rakkont fil-parti narrattiva jirriżulta b'mod konkret mill-provi miġbura fl-istadju tal-

kumpilazzjoni. In oltre, isosnti l-Avukat Ġenerali, tali fatti ma jammontawx għall-prova. L-Avukat Ġenerali jwieġeb ukoll illi li l-akkużat safa vittma tad-droga ma jirriżulta minn imkien mill-atti kumpilatorji, u fir-rigward jagħmel referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat. Għalhekk skont l-Avukat Ġenerali, l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat għandha tiġi miċħuda.

12. Illi jibda biex jingħad li huwa paċifiku li l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni wiesgħa fit-tfassil tal-att tal-akkuża, u dan sakemm joqgħod ma' dak dispost fl-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jaqra hekk:

> L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
>
> (a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;
>
> (b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;
>
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u
>
> (d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat.

13. Fir-rigward issir referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Azzopardi</u>** tat-23 ta' Ġunju 2021:

> 14. Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-ilment imressaq mill-appellant illi jispetta għal Qorti li trażżan id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u dan meta il-Leġislatur ma jagħmilx dan. Il-

poter leġislattiv tal-Istat jibqa' dejjem f'idejn il-Parlament u s-setgħa tal-Ġudikant huwa li jinterpreta dik il-Liġi iżda mhux li joħloq regoli ġodda li ma joħorġux mill-Liġi. **Illi l-Liġi tobbliga lill-Avukat Ġenerali jippreżenta l-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom imbagħad jislet l-akkuża meta jiġi biex jixli lil persuna akkużata b'xi reat fil-parti akkużatorja** u kwindi, għalkemm kif issuġġerit mill-Qorti Kriminali din il-parti fl-Att tal-Akkuża jista' jkun li hija superfluwa, madanakollu l-Avukat Ġenerali ma jistax jonqos milli jagħmel din l-espożizzjoni għaliex altrimenti dan iwassal għal non-konformita mal-liġi li iġġib in-nullita. [enfasi ta' din il-Qorti]

14. Illi huwa prinċipju ribadit f'ġurisprudenza kopjuża ta' din il-Qorti kif in-narrattiva adoperata mill-Avukat Ġenerali fl-att tal-akkuża hija prerogattiva tal-istess Avukat Ġenerali. Il-fatti illi jagħżel li jinkludi l-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta' kull kap tal-Att ta' l-Akkuża huma biss riflessjoni tal-provi kif miġbura fl-istadju kumpilatorju tal-proċeduri mill-perspettiva tal-istess Avukat Ġenerali u jservu sempliċiment bħala preżentazzjoni formali ta' dik it-teżi li jkun qed jipprospetta l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-persuna akkużata.

15. Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania** tal-21 ta' Ġunju 2023:

9. Illi din l-impunjattiva diretta lejn il-validita' ta'l-Att ta'l-Akkuża hija waħda li titqajjem kostantament u ripetutament mill-persuna akkużata. Dan għaliex l-ewwel darba li l-ġurija tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-fatti tal-każ, li trid finalment tiddeċiedi dwarhom, huwa meta fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-Att ta'l-Akkuża, kif redatta mill-Avukat Ġenerali, tiġi moqrija mid-deputat reġistratur tal-Qorti Kriminali. Sa dak il-mument il-ġurija tkun għal kollox sajma minn kwalsiasi tagħrif jew informazzjoni dwar l-każ li jkun ser jinstema'. Illi fil-parti narrattiva tagħha l-Att ta'l-Akkuża jkun fiha rakkont redatt mill-Avukat Ġenerali dwar dak li jidhirlu huma l-fattispeċje tal-każ. Fatti li l-Avukat Ġenerali ma jistax joħloq minn żniedu jew jivvinta, iżda huma fatti li jridu jemerġu mill-provi kkumpilati matul l-istruzzjoni tal-każ fil-kumpilazzjoni li tkun saret quddiem il-Qorti Istruttorja. Ukoll minn dawk il-fatti

> imbagħad irid jemerġi r-reat li bih l-Avukat Ġenerali jixli lill-persuna akkużata fil-parti akkużatorja.
>
> 10. Illi l-liġi ma tindikax il-mod kif l-Avukat Ġenerali għandu iħejji l-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża, bl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm jindika illi fl-Att ta'l-Akkuża għandu jkun mfisser "*il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena*", madanakollu jħalli fid-diskrezzjoni tal-Prosekutur dwar il-mod kif tiġi redatta din in-narrazzjoni. **Dan ifisser allura illi l-Qorti ma tistax issib xi nullita' fejn il-liġi ma tipprovdiex dwar l-istess**, u għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu jfittex li jkun kliniku u imparzjali f'din in-narrazzjoni mingħajr ma jara illi joħloq xi dramatiżazzjoni żejda, bħallikieku wiehed qisu qed jaqra xi novella, madanakollu ġaldarba ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi huma sodisfatti, ebda nullita' ma tista tkun riskontrata. [enfasi ta' din il-Qorti]

16. Illi n-narrattiva kif esposta mill-Avukat Ġenerali ma tikkostitwixxix xi stat ta' fatt jew prova, la favur u lanqas kontra l-akkużata f'dawn il-proċeduri. Il-fatti kif esposti fl-att tal-akkuża ma jorbtux lill-ġurati; m'għandhom l-ebda valur probatorju. Huma biss dawk il-fatti li jemerġu mill-provi mismugħa matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li jkunu jistgħu jittieħdu bħala prova favur jew kontra l-akkużat. Tant huwa hekk, illi għad jistgħu jirriżultaw fatti waqt is-smigħ tal-ġuri li ma jkunux riflessi f'dik in-narrattiva kif esposta mill-Avukat Ġenerali fl-att tal-akkuża. Kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza fuq ċitata:

> 11. Illi sa mill-istadji inizjali tal-ġuri, imbagħad kemm l-Imħallef togat, kif ukoll l-Avukat Ġenerali stess fir-Rekwiżitorja tiegħu, minnufih javzaw lil ġurati illi dak rakkontat f'din il-parti narrattiva ma jikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-persuna akkużata fejn jiġi lilhom spjegat dak li trid il-liġi meta l-Avukat Ġenerali jiġi biex iħejji l-Att ta'l-Akkuża u x'inhu l-kompitu tagħhom bħala imħallfin tal-fatt. Illi għalhekk din il-Qorti taqbel għal kollox mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali meta din iddeċidiet:

**5. Il-kontenut narrativ tal-Att ta' Akkuża ma jorbotx lill-ġurati. Dan l-Att iservi biex l-akkużat ikun jista' jkollu stampa kemm jista' jkun ċara tal-akkużi li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrativa, biex b'hekk huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.**

**6. Minn natura tiegħu, dokument akkużatorju qajla jista' jkun jikkontjeni fatti li jistgħu jitfgħu dawl sabih fuq l-akkużat. Akkuża kriminali, fiha nnifisha, mhix xi ħaġa li tirrifletti pożittivament fuq il-persuna akkużata. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-fatti ikunux kemm jista' jkun fidili għall-fatti li jemerġu mill-provi prodotti; u b'mod partikolari jekk dawk il-fatti narrati fl-aħħar mill-aħħar jirriflettux fihom l-elementi tar-reat li l-Avukat Ġenerali imbagħad jixli lill-akkużat bihom. Mill-fatti narrati f'dan l-Att tal-Akkuża, din il-Qorti ma tarax li hemm xi fatturi li jistgħu jitqiesu li joħolqu xi preġudizzju partikolari kontra l-akkużat, għajr ħlief, naturalment l-aspett fundamentali ta' kull att akkużatorju li jekk pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi li jitresqu, l-akkużat ikun jista' jiġi misjub ħati tal-istess akkużi. L-anqas tara li kien hemm xi diskrezzjoni li hija mogħtija bil-Liġi lil Avukat Ġenerali u fejn dan allura ma eżerċitax tali diskrezzjoni.**

**7. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-akkużat fejn jattakka l-Att ta' Akkuża għax skontu jixħet dawl ikrah fuqu. Apparti li dan ma jwassalx għan-nullita tal-Att tal-Akkuża, jibqa' l-fatt li dak li huwa determinanti biex l-imħallfin tal-fatt jiddeċiedu fuq il-kolpevolezza o meno tal-akkużat fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, huma l-provi li għad iridu jinstemgħu fl-istadju tal-Ġuri, aktar minn dak li jkun kontenut fil-parti narrativa tal-Att tal-Akkuża.**

12. L-appellant fl-aggravju minnu ntentat jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex, kuntrarjament għal dak li jsostni fl-aggravju

minnu ntentat, dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma indikahomx fl-Att ta'l-Akkuża, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat. [sottolinear ta' din il-Qorti][1]

17. L-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali appena ċitat japplika bl-istess mod fil-każ odjern. L-akkużat jillanja mill-mod li bih ġie redatt l-att tal-akkuża, għaliex skont hu, dan se jitfa' immedjatament dawl ikrah fuqu. Madankollu, salv għal dak li ingħad fis-sentenza appena ċitata, ossia illi l-att tal-akkuża min-natura tiegħu, qajla jista' jikkontjeni fatti li jitfgħu xi dawl sabiħ fuq il-persuna akkużata, f'dan il-każ il-Qorti tqis illi l-fatti kif narrati fl-istess att ta' akkuża m'humiex tali li jistgħu jitqiesu bħala ta' preġudizzju partikolari għall-akkużat, ħlief naturalment illi jekk tali fatti jiġu pruvati fil-grad li trid il-liġi, a bażi tal-provi li jitressqu matul

[1] Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Malcolm Joseph Falzon**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti rreferiet għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt u *Omissis*** tas-27 ta' Ottubru 2021, fejn ingħad hekk:

> **26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.** [enfasi ta' din il-Qorti]

Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Azzopardi** (Qorti Kriminali, 9 ta' April 2024); **Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Mizzi** (Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri)), 24 ta' Jannar 2024); **Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech** (Qorti Kriminali, 4 ta' Ottubru 2023); u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca u Priscilla Cassar** (Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri)), 16 ta' Ottubru 2019).

iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-akkużat ikun jista' jinstab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Dan apparti illi l-ħtija o meno tal-akkużat tiġi determinata mill-ġurati fid-dawl tal-provi li jinġiebu matul il-ġuri u mhux ta' dak kontenut fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża. In oltre la darba l-ġurati jkunu marbuta biss b'dawk il-fatti li jemerġu mill-provi li se jinstemgħu fil-kors tal-ġuri u mhux bil-fatti kif jirriżultaw mill-att tal-akkuża, isegwi, kif qalet il-Qorti fis-sentenza ċitata, illi jekk l-Avukat Ġeneral ma semmiex xi fatti li jistgħu jkunu favorevoli għall-akkużat, dan m'huwiex se jsarraf fi preġudizzju għalih. Wara kollox l-akkużat għandu l-jedd li jikkontro-eżamina lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u jressaq il-provi tiegħu, b'dan għalhekk illi matul is-smigħ tal-ġuri se jkun f'posizzjoni li jesponi dawk il-fatti li fil-fehma tiegħu jistgħu jimmillitaw favurih u jkollu l-opportunita` illi jipprova jxejjen il-provi tal-Prosekuzzjoni, u dan minkejja illi l-Avukat Ġenerali seta' ma ndikax il-fatti li għalihom jirreferi l-akkużat fl-att tal-akkuża odjern. Jingħad ukoll illi l-Imħallef togat jindirizza wkoll dan il-punt fl-indirizz tiegħu, b'dan għalhekk illi jigwida lill-ġurati dwar il-mod li bih għandhom jixtarru l-provi riżultanti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dwar il-valur probatorju li għandhom jattribwixxu lill-istess, inkluż għalhekk illi r-rakkont tal-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża, ma jagħmel l-ebda prova.

18. La darba l-att tal-akkuża odjern jissodisfa l-vot tal-liġi għal dak li jirrigward l-formalitajiet rikjesti *ad validitatem* mill-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali – fil-fatt l-akkużat lanqas ma jgħid li dan mhux il-każ – l-istess att ta' akkuża għandu jitqies validu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

19. **Għaldaqstant, din l-ewwel eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

20. Illi permezz tat-**tieni eċċezzjoni preliminari** l-akkużat jeċċepixxi n-nullita` tal-Ewwel Kap u tat-Tieni Kap tal-att tal-akkuża, u dan stante illi fil-fehma tiegħu, il-fatti ndikati mill-Avukat Ġenerali ġew drammatizzati aktar milli meħtieġ, bl-iskop li l-ġurati jingħataw impressjoni li, b'mod immedjat, se tixħet dawl ikrah fuqu, u għalhekk tista' tippreġudika irrimidjabbilment il-proċess tiegħu mill-bidu nett.

21. Isostni l-akkużat f’din l-eċċezzjoni illi dawn iż-żewġ kapi, mill-aspett ta’ evidenza, huma fil-maġġor parti tagħhom ibbażati fuq dak dikjarat minn Emanuel Calleja, li dwaru l-Avukat Ġenerali kellu l-obbligu li jindika illi fil-mument li l-istess Calleja rrilaxxja l-istqarrija u ta x-xhieda tiegħu, kien meqjus bħala suspettat u għalhekk kien hemm il-possibilita` li jiġi mixli b’reati kriminali huwa stess. Skont l-akkużat dan kellu jiġi spjegat mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża, sabiex wieħed jifhem illi dak li stqarr Calleja għandu jiġi meqjus b’kawtela tenut kont tal-posizzjoni prekarja li kien jinsab fiha l-istess Calleja f’dak l-istadju ossia illi huwa seta’ jinkrimina ruħu u kellu l-motiv sabiex jara kif jixħet ir-responsabilita` kriminali minn fuqu għal fuq terzi, inkluż fuq l-istess akkużat. Fid-dawl ta’ dan kollu, fil-fehma tal-akkużat, il-ġurati m’humiex se japprezzaw il-fatt illi l-ewwel żewġ Kapi jistrieħu fuq xhud li m’huwiex l-iżjed kredibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u b’hekk potenzjalment jistgħu jiġu preġudikati stante illi jafu jikkunsidraw bħala ben fatt, dak li fil-fatt jaf m’huwiex minnu.

22. F’din l-eċċezzjoni l-akkużat jilmenta wkoll mill-fatt illi fl-ewwel żewġ Kapi tal-att tal-akkuża, l-Avukat Ġenerali indika li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija, għandu japplika l-aggravju tal-mitt metru fil-konfront tiegħu. Skont l-akkużat, dan ma jistax jirriżulta għaliex huwa ġie segwit u eventwalment imwaqqaf ferm il-bogħod minn stabbilimenti li jiffrekwentaw iż-żgħażagħ, b’dan għalhekk illi tali aggravju sejjer sempliċiment jikkonfondi lill-ġurati fil-ġudizzju tagħhom u għandu jiġi sfilzat mill-inkartament tal-att tal-akkuża odjern.

23. Illi jerga’ jingħad illi salv għal dak li ngħad fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni, hija prerogattiva tal-Avukat Ġenerali in kwantu l-mod kif huwa jagħżel illi jirrediġi l-att tal-akkuża. Il-fatti rakkontanti fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża, s’intendi, għandhom jirriżultaw mill-provi mismugħa matul il-kors tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Tali prerogattiva hija ċirkoskritta, kif ingħad, minn dak li jipprovdi l-Artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali bħala r-rekwiżiti li għandu jkun fih l-att tal-akkuża taħt piena ta’ nullita`. Mill-bqija, huwa l-Avukat Ġenerali li jagħżel liema huma dawk il-fatti, li fil-fehma tiegħu, għandu jislet mill-atti kumpilatorji sabiex ifassal id-diversi kapi tal-att tal-akkuża u fir-rigward tal-ewwel parti ta’ din l-eċċezzjoni, japplikaw il-

kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti b'rabta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari.

24. Minn qari tal-att tal-akkuża, jirriżulta kif l-Avukat Ġenerali għażel illi jibbaża l-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-att tal-akkuża fuq l-istqarrija ġuramentata mix-xhud Emanuel Calleja quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, nhar l-10 ta' Awwissu 2015, u dan wara l-istqarrija li huwa kien irilaxxja lill-Pulizija Eżekuttiva nhar id-9 ta' Awwissu 2015. F'din l-istess stqarrija Calleja jindika *inter alia* kif l-akkużat **VELLA** kien jgħaddilu d-droga sabiex huwa jbiegħha fl-istabbiliment *Clique*, ġewwa Paceville, fejn kien jaħdem ix-xhud fl-istess żmien, u kif wara kien jgħaddi l-flejjes miġbura mill-bejgħ tal-istess droga lill-akkużat.

25. Din il-Qorti tirrileva illi salv għal dak li se jingħad iżjed 'il quddiem, l-istqarrija ġuramentata tal-ko-akkużat Emanuel Calleja hija prova ammissibbli fit-termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta (b'referenza għad-droga kokajina, mertu tal-ewwel Kap tal-att tal-akkuża) u tal-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta (b'referenza għall-mediċina psikotropika u ristretta mertu tat-Tieni Kap tal-att tal-akkuża) u għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali seta' jibni n-narrattiva tiegħu fuq fatti li jirriżultaw mill-istqarrija ġuramentata tal-istess Calleja tal-10 ta' Awwissu 2015. L-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

26. Għalhekk bis-saħħa tal-artikolu ċitat, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali dwar il-konfessjoni[2], id-dikjarazzjoni

[2] L-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: *Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.*

magħmula minn Emanuel Calleja u li ġiet konfermata minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, tista' tinġieb bi prova kontra l-akkużat tal-lum, basta dik id-dikjarazzjoni saret jew ingħatat minnu volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Din hija regola eċċezzjonali fil-liġi tad-droga għaliex tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola kardinali ravviżata fl-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan illi l-istess artikolu ma jagħmilx eċċezzjoni għall-Artikolu 646(1) tal-istess Kodiċi, u għalhekk fit-termini tal-istess artikolu "*ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce*", ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li jsemmi l-Artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali. In oltre, jekk ma jkunux ġew deċiżi definittivament il-proċeduri kontra x-xhud, hu applikabbli *a contrario sensu* l-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali.

27. F'dan il-każ, matul l-istadju tal-kumpilazzjoni, il-proċeduri tax-xhud Emanuel Calleja kienu għadhom pendenti, u għalhekk huwa għażel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu. Fi kwalunkwe każ, f'dak l-istadju, u fit-termini tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu ko-akkużat, Calleja ma kienx xhud kompetenti; fil-fatt la kien kompetenti u lanqas ma seta' jiġi mġiegħel jixhed fl-istadju tal-kumpilazzjoni la darba l-proċeduri tiegħu ma kinux għaddew in ġudikat. Jirriżulta madankollu illi l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tipproduċi lil Calleja bħala xhud matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u għalhekk kemm il-darba l-proċeduri kontra l-istess Calleja f'dak l-istadju jkunu ġew deċiżi definittivament, ix-xhieda ġuramentata tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tkun ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront. La darba prodott bħala xhud matul il-ġuri, il-valur probatorju tax-xhieda mogħtija minn Calleja quddiem l-Inkwirenti, hija kif spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>** tas-26 ta' Mejju 2003[3]:

> "Issa huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Għal din ir-regola, pero`, hemm ċerti eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jiġu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eċċezzjoni tad-deposizzjoni

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ramon Fenech</u>** tat-23 ta' Frar 2017.

meħuda in segwitu għall-ħrug ta' ittri rogatorjali bil-proċedura traċċjata fl-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, proċedura li ġiet ritenuta applikabbli anke għal kawżi sommarji (ara Il-Pulizija v. Angelo Grima App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika ġiet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi każijiet wara l-ħruġ tal-att ta' akkuża. U hemm l-eċċezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minħabba mard jew xjuħija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-każ ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemgħu f'darhom, l-imputat jew akkużat għandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigħ tax-xhud jew li jaħtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigħ – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero` mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodiċi. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminaħ dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat."

28. Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia</u>** dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard:

> L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza

hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,

" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.

Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx.

29. Kif intqal fil-kawża deċiża mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Gordi Felice**:

> **L-ewwel eċċezzjoni – L-inammissibilita' ta' xhieda ġuramentata ta' William Agius.**
>
> (a) Skont l-artikolu 121B tal-Kap 31, minkejja l-provvedimenti tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, fejn persuna hija involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, stqarrija magħmula minn tali persuna u kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xhieda oħra mogħtija minn tali persuni quddiem xi qorti tista tinġieb bħala prova kontra persuna oħra li tkun akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza.'
>
> L-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi dan li ġej:
>
> **'661. Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.'**
>
> Teknikament, dan ifisser li ġaladraba l-istqarrija tkun ġuramentata quddiem Maġistrat jew ix-xhieda tingħata f'Qorti, minjekka dak li jgħid la-rtikolu 661, xorta tista' tinġieb bħala prova
>
> Il-problema ta' din l-eċċezzjoni teżisti biss sakemm ma jkunx intemm il-ġuri (u l-Appell) ta' William Agius. Jekk ikun intemm, din il-Qorti mhix ser tilqa' din l-eċċezzjoni.
>
> (b) Jekk ma jkunx intemm il-ġuri ta' William Agius, din l-istqarrija ġuramentata ta' William Agius ma tistax tinġieb bħal prova. Ir-raġuni hija din. L-artikolu 121B tal-Kap 13 jispeċifika biss l-artikolu 661 tal-Kap 9 bħala eċċezzjoni. Min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni ta' ko-akkużat hija regolata bl-artikolu 636(b) tal-Kap 9. Dan dejjem ġie interpretat li, a contrario sensu, jekk ko-akkużat ma jkunx twiegħed jew ingħata impunita', allura dan ma jistax jixhed qabel il-proċeduri kontrih ikunu ntemmu. Minħabba li l-artikolu 121B ma jispeċifikax l-artikolu 636(b) tal-Kap 9, isegwi li tali stqarrija ġuramentata ma tistax tinġieb fil-konfront tal-akkużat Gordi Felice sakemm il-proċeduri kontra William Agius ma jkunux intemmu.[4]

[4] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat** tat-13 ta' Ottubru 2016 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-29 ta' Lulju 2021.

30. Illi allura, stabbilit illi d-dikjarazzjoni ta' Emanuel Calleja hija, bis-saħħa tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, prova ammissibbli fil-proċeduri kontra l-akkużat tal-lum, kemm il-darba l-istess Emanuel Calleja jieħu l-pedana tax-xhieda matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu ġew deċiżi definittivament, isegwi illi l-Avukat Ġenerali seta' jistrieħ fuq dak kontenut fl-istess dikjarazzjoni sabiex ifassal in-narrattiva tiegħu fl-att tal-akkuża. Fl-aħħar mill-aħħar kif ingħad fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti b'rabta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari, ir-rakkont tal-Avukat Ġenerali f'din il-parti tal-att tal-akkuża ma jagħmilx prova fil-konfront tal-akkużat, u finalment sta għall-ġurati, wara li jisimgħu l-provi kollha li se jiġu prodotti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri miż-żewġ partijiet, inkluż ix-xhieda in eżami u in kontro-eżami ta' Calleja, illi jiddeċiedu kemm għandha mis-sewwa u kemm hija kredibbli l-verżjoni tal-istess xhud, u dan kemm in kwantu x-xhieda tiegħu waqt il-ġuri, kif ukoll in kwantu d-dikjarazzjoni ġuramentata minnu quddiem l-Inkwirenti. Kemm il-darba l-proċeduri fil-konfront tax-xhud Emanuel Calleja ma jkunux intemmu sa dakinhar tal-ġuri, allura l-istess xhud ma jkun la xhud kompetenti u lanqas *a compellable witness*, b'dan għalhekk illi skont il-ġurisprudenza fuq ċitata, id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu lanqas ma tkun ammissibbli bħala prova fil-konfront tal-akkużat. Fi kwalunkwe każ, l-Imħallef togat tidderiġi lill-ġurati dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-parti narrattiva tal-att tal-akkuża, inkluż għalhekk dwar dak li jingħad fil-konfront ta' Emanuel Calleja, b'dan ukoll illi kif ingħad iżjed 'il fuq, tigwida lill-ġurati, skont il-liġi, dwar il-provi li għandhom jiġu meqjusa u l-mod li bih għandhom jixtarru dawk il-provi, kif riżultanti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

31. B'rabta ma' dan l-aħħar punt, hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għat-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-akkużat, fejn huwa jilmenta illi l-aggravju tad-distanza ma jirriżultax mill-provi kkumpilati quddiem il-Qorti Istruttorja. Jingħad ukoll fir-rigward illi l-fatti li jsawru dan l-aggravju, kif indikat mill-Avukat Ġenerali fl-ewwel żewġ Kapi tal-att tal-akkuża, għad iridu jiġu ppruvati fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, oltre illi din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tinoltra ruħha fi kwistjonijiet li jolqtu purament il-mertu, b'dan għalhekk illi jekk jirriżultax o meno l-

aggravju tad-distanza, skont l-akkuża kif impostata mill-Avukat Ġenerali, hija kwistjoni li se tiġi deċiża mill-ġurati fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dan wara li l-Imħallef togat tindirizza lill-ġurati *inter alia* dwar il-liġi fir-rigward.

32. **Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

33. Illi permezz tat-**<u>tielet eċċezzjoni preliminari</u>**, l-akkużat jeċċepixxi n-nullita` tat-Tielet u tar-Raba' Kapi tal-att tal-akkuża u dan għaliex il-fatti ndikati mill-Avukat Ġenerali ġew drammatizzati aktar milli meħtieġ, bl-iskop li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat se tixħet dawl ikrah fuqu u għalhekk tista' tippreġudika irrimedjabilment il-proċess tiegħu mill-bidu nett. Dan qed jingħad, skont l-istess akkużat, għaliex l-allegati reati li huwa ġie mixli bihom f'dawn il-Kapi, kellhom jiġu indikati bħala alternattiva għall-Ewwel u għat-Tieni Kap tal-att tal-akkuża. Fil-fehma tal-akkużat, ma jistax *in pessima ipotesi* jinstab ħati talli prokura d-droga kokaina u talli traffika mediċina psikotropika, u fl-istess ġudizzju jinstab ħati wkoll tal-pussess aggravat tal-istess droga. L-akkużat isostni illi l-att tal-akkuża, kif redatta, tagħti lok sabiex il-ġurati jaħsbu illi l-akkużat qed jiġi mixli b'mod kollettiv in kwantu l-ewwel erba' Kapi tal-att tal-akkuża. Fil-fehma tiegħu, dan għandu jiġi kjarifikat mill-Avukat Ġenerali sabiex waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, il-ġurati jiġi gwidati sabiex jiddistingwu bejn l-aspett tat-traffikar u dak tal-pussess aggravat.

34. Illi fl-ewwel lok, jirriżulta illi permezz tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-att tal-akkuża, l-akkużat ġie mixli rispettivament bir-reat ta' traffikar tad-droga kokaina, fit-termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u bir-reat ta' traffikar ta' mediċina psikotropika u ristretta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Imbagħad, permezz tat-Tielet u r-Raba' Kapi tal-att tal-akkuża, huwa ġie mixli rispettivament bil-pussess tad-droga kokaina f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu ossia bir-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga, ukoll bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u bir-reat ta' pussess aggravat ta' mediċina psikotropika u ristretta bi ksur tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. In kwantu l-ewwel żewġ Kapi tal-att tal-akkuża, mill-parti narrattiva tal-istess Kapi, jirriżulta illi l-Avukat Ġenerali qed jixli lill-akkużat bir-reati hemmhekk indikati, b'rabta mad-

dikjarazzjoni ġuramentata ta' Emanuel Calleja tal-10 ta' Awwissu 2015, tant illi dawn il-Kapi tal-att tal-akkuża jirreferu għad-9 ta' Awwissu 2015 u x-xahrejn ta' qabel din id-data, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-istess Emanuel Calleja, fil-waqt illi t-Tielet u r-Raba' Kapi tal-att tal-akkuża huma marbuta mal-allegata sejba *inter alia* tad-drogi kokaina u ta' mediċina psikotropika u ristretta fil-pussess tal-akkużat nhar it-3 ta' Ottubru 2015. Fil-fatt l-akkużi f'dawn il-Kapi jirreferu għat-3 ta' Ottubru 2015 u għall-ġimgħat ta' qabel din id-data. Dan waħdu diġa` juri illi l-ewwel żewġ Kapi tal-att tal-akkuża min-naħa l-waħda, u t-Tielet u r-Raba' Kapi tal-istess att tal-akkuża min-naħa l-oħra, ma jistgħux ikunu alternattivi għal xulxin, għaliex fattwalment jitrattaw mertu kompletament differenti.

35. In oltre ż-żewġ reati ta' traffikar u ta' pussess ta' droga f'tali ċirkostanzi li juru li dik id-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, huma separati u distinti minn xulxin, tant illi l-liġi titrattahom f'disposizzjonijiet differenti. L-att materjali meħtieġ fir-reat ta' traffikar m'huwiex l-istess wieħed rikjest fir-reat ta' pussess aggravat tad-droga. Fil-waqt illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi definizzjoni wiesgħa ħafna ta' dak li jikkostitwixxi r-reat ta' traffikar ossia l-att materjali li jeħtieġ li jirriżulta sabiex jissussisti dan ir-reat, min-naħa l-oħra sabiex jissussisti r-reat ta' pussess aggravat, l-att materjali li tirrikjedi l-liġi huwa sempliċiment il-pussess tad-droga. Filwaqt illi l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Ordninanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jitkellem dwar ir-reat ta' pussess aggravat, ir-reat ta' traffikar huwa definit fl-Artikolu 22(1B) tal-istess Ordninanza. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb** tat-23 ta' Jannar 2001:

> It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun efettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed.

Illi l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE) …

36. Dan ifisser illi l-elementi ta' dawn iż-żewġ reati huma distinti minn xulxin. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tas-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro</u>**, f'liema każ il-Qorti ma setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta' traffikar ta' droga, minkejja l-ammissjoni tiegħu għall-istess reat, u dan stante illi huwa ġie akkużat bir-reat tal-pussess aggravat tad-droga kokaina, dik il-Qorti qalet hekk:

> Issa ghalkemm b'din l-ammissjoni, anki kif giet irtokkata u imsewwija fid-deposizzjoni tieghu, l-appellant gie xorta wahda qed jinkrimina ruhu tar-reat ta' pprokurar ta' droga kokajina, kif mahsub fl-art.11 u kif definit fl-artikolu 22(1)(1B) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fejn il-kelma "traffikar" tinkludi wkoll l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza, dan – kif johrog mill-artikolu 22(2)(b)(i) ta' l-istess Ordinanza, huwa reat differenti minn dak li bih gie akkuzat l-appellant u cioe` il-pussess aggravat u ma jidhirx li huwa wiehed mir-reati li tista' tinstab htija tieghu bhala kap alternattiv jew addirittura bhala reat kompriz u involut fl-akkuza ta' pussess aggravat. Ghalhekk din l-Qorti, f'dan l-istadju, nonstante din l-ammissjoni, ma tistax issib htija ta' traffikar tas-sustanza kokajina ghax (l-prosekuzzjoni) ma akkuzatux bi traffikar imma biss b'pussess aggravat, li ghalkemm igib l-istess peina, skond l-artikolu 22(2)(b)(i), hu reat ghal kollox differenti, li johrog minn artikoli differenti tal-ligi."

37. Għaldaqstant, ir-reati ta' traffikar u tal-pussess aggravat tad-droga m'humiex reati alternattivi għal xulxin, iżda jistgħu jissussistu t-tnejn

separatament. Din il-Qorti tinnota wkoll illi sabiex jissussistu l-akkużi fl-ewwel żewġ Kapi tal-att tal-akkuża, oltre l-element materjali li huwa divers minn dak meħtieġ sabiex jissussistu l-akkużi fit-Tielet u r-Raba' Kapi tal-att tal-akkuża, anke l-element formali huwa distint, hekk illi sabiex jirriżultaw l-akkużi fl-ewwel żewġ Kapi teħtieġ l-intenzjoni tal-ispaċċ da parti tal-akkużat, filwaqt illi din l-intenzjoni m'hijiex meħtieġa għall-fini tal-akkużi fit-Tielet u fir-Raba' Kapi. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** tas-27 ta' April 2017:

> Issa qabel xejn jingħad illi l-liġi tagħna mkien ma tispeċifika illi l-pussess irid ikun wieħed bl-intenzjoni ta' spaċċ. Il-liġi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwhiex għall-uzu esklussiv tal-ħati u għalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'l quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jagħmel referenza għal-leġislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-liġi titkellem car u tond fuq ''possession with intent to supply'', bil-Prosekuzzjoni allura trid neċessarjament tipprova tali intenzjoni cioe li ser issir xi forma ta' traffikar, ħaġa li mhijiex indikata fil-liġi tagħna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwhiex għall-uzu esklussiv tal-ħati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni tal-ispaċċ. Illi għalhekk għalkemm kif ingħad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-leġislazzjoni tagħna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-ġudikant. Madanakollu jerġa' jiġi ribadit illi l-prova fil-liġi ingliza hija waħda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid neċessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispaċċ kuntrarjament għal-liġi tagħna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx għall-uzu esklussiv tal-ħati. ...

38. Fir-rigward issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2005, fejn ukoll ġiet imfissra d-differenza bejn ir-reat ta' pussess aggravat u dak ta' traffikar:

> L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-mod kif sejra tigi distribwita d-droga huwa indikazzjoni jew jista' jkun indikazzjoni li hemm il-hsieb tat-traffikar. Naturalment dan ma jekwivalix

> ghal traffikar. **It-tqassim ta' droga fi qratas mhuwiex l-istess bhat-tqassim ("distribuzzjoni") tal-qratas** tat-tieni parti ta' l-indirizz. Sabiex jigi evitat ir-riskju li l-gurati jassimilaw it-traffikar mar-reat ta' pussess aggravat, din il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun aktar opportun li kieku spjegazzjoni bhal ma tat hawn l-ewwel Qorti inghatat fil-kuntest tat-Tieni Kap, cioe` fil-kuntest tar-reat ta' pussess ta' medicina perikoluza f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur.

39. Illi għalhekk l-akkużat m'għandux raġun f'din l-eċċezzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Imħallef togat fl-indirizz tiegħu jispjega lill-ġurati l-elementi materjali u formali li jeħtieġ li jissussistu għall-fini taż-żewġ reati u d-distinzjoni bejn it-tnejn, u għalhekk m'hemmx il-biża' li għaliha jirreferi l-akkużat f'din l-eċċezzjoni illi l-ġurati jkunu żgidwati "*f'dak li huwa mistenni minnhom meta huma jiġu sabiex jarblu l-kapi rispettivi tal-Att tal-Akkuża*".

40. In oltre in kwantu l-akkużat jillanja mill-fatt illi anke f'dan l-isfond, l-Avukat Ġenerali naqas milli jsemmi l-fatt illi huwa, fi żmien li seħħew l-allegati reati, kien vittma tad-droga, ma jwassal bl-ebda mod għan-nullita` tal-att tal-akkuża. Kif diġa` ingħad iżjed 'il fuq in konnessjoni mal-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-ħtija o meno tal-akkużat tiġi determinata mill-ġurati a bażi tal-provi li jinġiebu matul il-ġuri u mhux ta' dak kontenut fil-parti narrattiva tal-att tal-akkuża. Isegwi għalhekk illi jekk l-Avukat Ġeneral ma semmiex xi fatti li jistgħu jkunu favorevoli għall-akkużat, dan m'huwiex se jsarraf fi preġudizzju għalih. Kif ingħad, l-akkużat għandu l-jedd li jikkontro-eżamina lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u jressaq il-provi tiegħu, b'dan għalhekk illi matul is-smigħ tal-ġuri se jkun f'posizzjoni li jindika dawk il-fatti li fil-fehma tiegħu jistgħu jxaqilbu l-miżien favur tiegħu, u dan minkejja illi l-Avukat Ġenerali seta' ma ndikax il-fatti li għalihom jirreferi l-akkużat, fl-att tal-akkuża odjern.

41. **Għaldaqstant, it-tielet eċċezzjoni preliminari wkoll qiegħda tiġi miċħuda.**

42. Illi permezz tar-**raba' eċċezzjoni preliminari**, l-akkużat jeċċepixxi n-nullita` tal-Ħames Kap tal-att tal-akkuża u dan għaliex fil-fehma tiegħu, il-fatti kif indikati mill-Avukat Ġenerali ġew drammatizzati aktar milli

meħtieġ, bl-iskop li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat se tixħet dawk ikrah fuqu u per konsegwenza tippreġudika irrimedjabilment il-proċess penali tiegħu mill-bidu nett. B'mod speċifiku l-akkużat isostni li dan il-Ħames Kap tal-Att tal-Akkuża jittratta r-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta kannabis, li skont l-Avukat Ġenerali ċertament kienet intiża sabiex tiġi traffikata. Fil-waqt illi jikkonċedi illi l-mertu għandu jitħalla għall-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, l-akkużat jilmenta mill-mod li bih ġie miktub dan il-Kap, u jirreferi speċifikatament għal silta mill-istess Kap li tgħid hekk: "*Illi, mill-investigazzjonijiet li saru jidher biċ-ċar, senjatament mill-ammont ta' droga nvoluta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet, illi dawn is-sustanzi perikolużi ċertament li ma kinux intiżi għall-użu personali ta' l-akkużat, iżda kienu intiżi sabiex jiġu traffikati f'dawn il-gżejjer*". Fil-fehma tal-akkużat, anke in kwantu s-sustanza kannabis, dan se jwassal lill-ġurati sabiex iħarsu lejha mil-lenti ta' traffikar. Huwa jilmenta illi dan se jkun qed jiżvija lill-ġurati, għaliex kieku l-Avukat Ġenerali verament ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, huwa kien jindika li din is-sustanza kienet fil-fatt intiża għall-użu personali tiegħu. Skont l-istess akkużat, il-provi juru illi l-kannabis kienet hekk intiża, b'dan illi l-Avukat Ġenerali skarta l-assjem tal-provi li jimmilitaw favur tiegħu biex minflok jibni t-teżi li huwa kien purament traffikat tad-droga u mhux vittma tal-istess.

43. Illi a skans ta' ripetizzjoni żejda din il-Qorti hawnhekk terġa' tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet illi għamlet iktar 'il fuq b'rabta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari u dan in kwantu l-prerogattiva tal-Avukat Ġenerali li jfassal l-att tal-akkuża u li jinkludi, fil-parti narrattiva, dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kumpilatorji, kif jifhimhom l-istess Avukat Ġenerali, liema fatti m'għandhom l-ebda valur probatorju. Isegwi għalhekk illi l-akkużat m'għandux raġun f'din l-eċċezzjoni. In oltre f'dan l-istadju huwa intempestiv li jiġu sollevati kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-każ u dan għaliex fl-ewwel lok, il-provi favur u kontra l-akkużat għad irid jinstemgħu fl-istadju tal-ġuri, u fit-tieni lok, huma l-ġurati bħala l-Imħallfin tal-fatt illi se jiddeċiedu dwar il-fatti li jikkostitwixxu l-mertu tal-proċeduri u jekk il-provi li se jinstemgħu jwasslux għall-ħtija o meno tal-akkużat fir-rigward ta' kull reat li huwa jinsab mixli bih. Kif diġa` ingħad, waqt is-smigħ tal-ġuri, l-akkużat se jkollu l-opportunita`, fil-

parametri ta' dak li tippreskrivi l-liġi, illi jikkontesta l-provi tal-Prosekuzzjoni, u jressaq dawk il-provi li jsostnu t-teżi tiegħu.

44. **Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

45. Illi l-**ħames eċċezzjoni preliminari** sollevata mill-akkużat titratta n-nullita` tas-Sitt Kap tal-att tal-akkuża u dan għaliex fil-fehma tiegħu, il-fatti kif indikati mill-Avukat Ġenerali ġew drammatizzati aktar milli meħtieġ, bl-iskop li l-ġurati jingħataw impressjoni li b'mod immedjat se tixħet dawk ikrah fuqu u per konsegwenza tippreġudika irrimedjabilment il-proċess penali tiegħu mill-bidu nett. B'mod speċifiku l-akkużat jilmenta li s-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża għandu jiġi dikjarat null *ab initio* u dan stante illi kif indikat mill-Avukat Ġenerali, dan il-Kap ġie msejjes fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-istess akkużat, liema stqarrija hija waħda inammissibbli. L-akkużat jisħaq li fid-dawl tal-inammissibilita` tal-istqarrija tiegħu, kwalsiasi prova emerġenti minnha u konsegwentement kwalsiasi reat abbinat ma' tali prova dokumentarja għandu neċessarjament jiġi dikjarat inammissibbli. Altrimenti, huwa se jitqiegħed fi stat ta' preġudizzju. Għalkemm f'din l-eċċezzjoni, l-akkużat ma jgħidx espressament għaliex l-istqarrija rilaxxjata minnu hija waħda inammissibbli, huwa jirreferi għall-eċċezzjonijiet sollevati minnu iżjed 'il quddiem. Fil-fatt permezz tas-**sitt eċċezzjoni preliminari**, l-akkużat jeċċepixxi l-inammisibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu u dan stante illi fiż-żmien in kwistjoni huwa ma kellux il-jedd għall-assistenza legal waqt l-interrogatorju tiegħu. Huwa jsostni illi fl-istess stqarrija, hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti li jistgħu jagħtu lok għall-preġudizzju kontra tiegħu, u l-fatt illi huwa ma kienx legalment assistit poġġih fi stat prekarju, leżiv għad-drittijiet fundamentali tiegħu. Skont l-akkużat, għalhekk, ikun għaqli li l-inkartament relattiv jiġi sfilzat mill-proċeduri odjerni u dan sabiex kwalsiasi inġustizzja potenzjali tkun tista' tiġi evitata fiċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

46. Illi din il-Qorti se titratta dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien.

47. Illi mill-atti kumpilatorji, jirriżulta illi l-akkużat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-4 ta' Ottubru 2015[5] u dan allura fi żmien meta

[5] Ara a fol. 76 tal-atti proċesswali.

fil-liġi Maltija ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt għall-assistenza legali lill-persuna suspettata jew arrestata fil-waqt tal-interrogatorju. Dan hekk kif id-dritt għall-assistenza legali fil-mument tal-interrogatorju daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija nhar it-28 ta' Novembru 2016, bis-saħħa tal-Att LI tas-sena 2016[6] u tal-Avviż Legali 401 tas-sena 2016, u dan permezz tal-Artikoli 355AT, 355AU u 355AUA tal-Kodiċi Kriminali. Qabel dakinhar, il-persuna suspettata kellha biss id-dritt, li daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar tas-sena 2010, li tikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tagħha sa żmien siegħa, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, qabel it-teħid tal-istqarrija. Għalhekk tenut kont taż-żmien li fih ittieħdet l-istqarrija tal-akkużat fil-każ odjern, huwa ngħata biss dan l-aħħar jedd, skont il-liġi kif viġenti fl-istess żmien.

48. Fir-rigward din il-Qorti minnufih tirrileva li l-kwistjoni tal-ammissibilita` o meno ta' stqarrijiet rilaxxjati mingħajr id-dritt għall-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tal-persuna suspettata jew arrestata waqt l-interrogatorju tagħha, hija waħda li matul is-snin tat lok għall-ġurisprudenza ampja.

49. Għad illi kien hemm żmien li fih il-Qrati tagħna adottaw il-posizzjoni illi ma jsirx użu, fil-proċeduri, minn stqarrijiet li jkunu ttieħdu mingħajr id-dritt għall-assistenza legali, u dan in linea mal-każ **Mario Borg vs Malta**[7], il-pożizzjoni l-iktar riċenti li ħadu l-Qrati Maltin hija fit-termini tal-linji gwida kif enunċjati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'deċizjonijiet bħalma huma **Philippe Beuze vs Belgium**[8] u **Farrugia vs**

---

[6] Dan l-Att huwa mfassal fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013.

[7] Deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-12 ta' Jannar 2016. Ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-24 ta' Ġunju 2016, **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-11 ta' Lulju 2016, **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-1 ta' Diċembru 2016, **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**, deċiża nhar it-3 ta' April 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ronnie (Ronald) Azzopardi** deċiża nhar id-29 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), u dan in kwantu stqarrijiet rilaxxjati mingħajr il-jedd għall-assistenza legali qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tas-sena 2002 fl-10 ta' Frar 2010. Ara wkoll sentenzi iżjed riċenti in kwantu stqarrijiet rilaxxjati wara d-dħul fis-seħħ tal-Att III tas-sena 2002, iżda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att LI tas-sena 2016 ossia per eżempju, fost oħrajn, **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Jannar 2021, **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Jannar 2021, **The Police vs Alexander Hickey** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Jannar 2021, **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2022 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-4 ta' Mejju 2022.

[8] Deċizjoni tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Novembru 2018.

**Malta**[9]. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** tal-31 ta' Mejju 2023, fejn l-attur ilmenta illi huwa ma ngħatax id-dritt li jitlob l-assistenza ta' avukat tal-għażla tiegħu waqt it-teħid tal-istqarrija u illi dan kien leżiv tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Fir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet bil-mod segwenti:

> 10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.
>
> 11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.
>
> 12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il-proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut

[9] Deċizjoni tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019.

f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.

13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pożizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v. Malta** tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-teħid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.

14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea

saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:

> *"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see,* ***Kesik v. Turkey****, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and* ***Simons v. Belgium*** *(dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see* ***Bouglame v. Belgium*** *(dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies"*

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-

istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. **Beuze v. Il-Belġju** deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.

20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.

21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **Carmel Camilleri v. Malta** deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:

*«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »*

22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza **Roderick Castillo v. Avukat Generali et** deċiża mill Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

*"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl istadju tal-appell"*

23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

50. L-istess ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha li ngħatat fl-istess jum tas-sentenza fil-każ ta' **<u>Spagnol</u>** fuq ċitata, u ċioe' fil-kawża fl-ismijiet **<u>Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat</u>**, fejn il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet tenniet il-linja ta' ħsieb li l-akkużat m'għandux dritt awtomatiku li jitlob li jiġu

skartati stqarrijiet li huwa jkun irrilaxxja mingħajr il-jedd tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju, fi żmien fejn il-liġi kif viġenti ma kinitx għadha tipprovdi għal din l-assistenza. Hekk fis-sentenza ta' **<u>Dalli</u>** fost oħrajn intqal hekk:

> 10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.[10]
>
> 11. F'sentenza riċenti tal-QEDB, <u>Lalik v. Poland</u> (Application no. 47834/19) ġie mtenni:
>
> > *"64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*
> >
> > *65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by*

---

[10] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għal **<u>Beuze v. il-Belġju</u>** (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018 u **<u>Stephens v. Malta</u>** (35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020.

*an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*

*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150).”*

12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-*overall fairness* skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta’ Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.

13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma’ avukat, wiċċ imb’wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta’ siegħa, qabel ma jiġi interrogat.

14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.

15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma’ avukat ta’ fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.

16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista’ jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li “*.... jiena tkellimt ma’ avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija*”.

17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta' dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.

18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut) sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta' PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx "*.... dik il-prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat*". Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' *ecstasy* bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.

19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u x-xhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq il qorti.

20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.

21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, "*.... qed jeżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen Monreal*".

> 22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu "*konsiderazzjonijiet dwar il-piena*").
>
> 23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.
>
> 24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha *sub judice*, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn.

51. Hawnhekk issir ukoll referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Farrugia</u>** tas-27 ta' Lulju 2023, u fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Mizzi</u>** tal-20 ta' Ġunju 2023, fejn din il-posizzjoni kif abbraċċjata mill-Qorti Kostituzzjonali, ġiet ukoll adottata b'rabta ma' eċċezzjonijiet preliminari dwar l-inammissibilita` ta' stqarrija rrilaxxjata mingħajr il-jedd tal-assistenza legali, fi żmien meta dan il-jedd ma kienx għadu jifforma parti mil-liġi Maltija.

52. Ingħad hekk minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Farrugia</u>**, wara illi għamlet referenza għall-ġurisprudenza vasta tal-Qrati Maltin dwar il-valur probatorju u l-ammissibilita` ta' stqarrija meħuda mingħajr il-jedd tal-assistenza legali, inkluż il-każijiet ta' **<u>Spagnol</u>** u **<u>Dalli</u>**:

> 41. Issa f'dan l-istadju tal-proċeduri, fejn il-proċess penali għadu fil-fażi tas-smiegħ u tad-determinazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari li ressaq l-akkużat skont id-

dispożizzjonijiet tal-Artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali, għadu prematur biex issir determinazzjoni tat-test tal-"*overall fairness of the proceedings*" in kwantu dan l-istadju għadu biss wieħed mill-istadji preliminari tal-proċeduri kriminali kontra l-akkużat. Biss f'dan l-istadju hemm evidenza ġja miġbura fil-proċess li titfa' dawl fuq il-kuntest li fiha ġiet rilaxxata dik l-istqarrija tal-akkużat u l-effett li din jista' jkollha fuq il-jedd ta' smiegħ xieraq tiegħu.

53. Naturalment, dan huwa wkoll il-każ fil-kawża odjerna. Fil-każ ta' **<u>Beuze</u>** li saret referenza għalih iżjed 'il fuq, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk:

*"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or*

*accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

54. Illi kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf u Josephine Wadi**</u> tas-27 ta' Jannar 2021:

> … il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwieti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi <u>bil-fatt waħdu</u> illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija, dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd

> tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kenux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.
>
> 17. Illi dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, allura, kien illi, mogħnija bil-provi diġà ikkumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ *Beuze*, tistħarreġ b'mod preliminari (u dan mingħajr ma tesprimi ruħha fil-mertu, billi dak jispetta biss l-imħallfin tal-fatt) jekk il-kriterji stabbiliti f'din id-deċiżjoni ġewx imħaddna u allura jekk bil-fatt illi l-appellati ma kellhomx avukat preżenti magħhom meta ġiet rilaxxata dik l-istqarrija jew stqarrijiet setax f'dan l-istadju tal-proċeduri vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.

55. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, jibda biex jingħad illi kif ingħad iżjed 'il fuq, minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi minkejja illi fiż-żmien illi huwa rrilaxxja l-istqarrija tiegħu, l-akkużat ma kellux u għalhekk ma ngħatax il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu mill-Pulizija Eżekuttiva, huwa kellu l-jedd li jottjeni parir legali qabel dak l-interrogatorju u dan billi jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, wiċċ imb'wiċċ, jew bil-mezz tat-telefon, għal ħin ta' mhux iżjed minn siegħa. Fil-każ odjern, l-akkużat fil-fatt ottjena parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u kellem lill-Avukat Dr. Michael Sciriha permezz tat-telefon, kif jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

56. In oltre, l-akkużat ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket, kif ukoll illi dak kollu li jingħad minnu jista' jinġieb bħala prova, oltre illi ġiet spjegata lilu wkoll ir-regola tal-inferenza kif viġenti dak iż-żmien. Fil-mument tal-interrogatorju tiegħu, l-akkużat ikkonferma illi kien fehem it-twissija mogħtija lilu, kif ukoll illi kien ġie mogħti karta bid-drittijiet kollha tiegħu, u li tali drittijiet kienu ġew spjegati lilu mill-Uffiċjal Investigattiv wieħed, wieħed. Li l-akkużat fehem id-dritt tiegħu li jibqa' sieket huwa ċar mill-fatt illi għal diversi domandi konnessi ma' l-allegata sejba tad-droga fil-pussess tiegħu, kif ukoll għal domandi dwar il-bejgħ tad-droga da parti tiegħu u l-qliegħ tiegħu mill-istess, l-akkużat għażel li ma jweġibx, kif kellu kull dritt li jagħmel, fil-waqt illi għażel ukoll illi jwieġeb għal domandi oħrajn. Veru wkoll illi huwa wieġeb għal xi

domandi li jistgħu jinkriminawh, iżda minn qari sħiħ tal-istess stqarrija ma jistax jingħad illi l-akkużat ma fehemx id-dritt tiegħu għas-silenzju. In oltre minkejja l-fatt illi fl-aħħar tal-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi għażel li ma jweġibx għal ċerti domandi "*għax ninsab konfuz u taht xokk*"[11], il-Qorti tinnota illi, kif ingħad, l-akkużat kien selettiv ferm fid-domandi li huwa għażel illi ma jweġibx. In oltre m'hemm xejn illi juri illi l-akkużat ma fehemx dak li kien qed jiġi mistoqsi lilu, għaliex it-tweġibiet tiegħu jirriflettu proprju l-mistoqsijiet li sarulu, jew illi ma kienx qed iwieġeb b'mod ċar għad-domandi, jew inkella li ma kienx luċidu jew li kien konfuż fil-ħsibijiet tiegħu.

57. Minkejja illi l-proċeduri odjerni bdew fil-5 ta' Ottubru 2015, u minkejja wkoll illi matul il-proċeduri huwa dejjem kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, din kienet l-ewwel darba illi l-akkużat qajjem ilment fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata minnu.

58. Lanqas ma tirriżulta xi raġuni għaliex wieħed għandu jaħseb illi l-akkużat kien vulnerabbli meta huwa rrilaxxja l-istess stqarrija, jew illi ma kienx qed jifhem iċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Anzi l-kontenut tal-istess stqarrija, u t-tweġibiet tiegħu juru illi huwa fehem il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-istess stqarrija u fejn wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu, huwa evidenti illi kien qed jifhem il-kontenut ta' dawn il-mistoqsijiet. Huwa ma kienx minorenni, iżda raġel ta' disgħa u għoxrin sena, li fil-passat diġa` kien xellef diffrejh mal-ġustizzja, għalkemm f'każ minuri, oltre illi kif ingħad, huwa ottjena parir legali qabel irrilaxxja l-istess stqarrija. Lanqas ma hemm xejn x'jindika illi l-akkużat kien taħt l-effett ta' xi sustanzi lleċiti meta ttieħdet l-istqarrija tiegħu, tant illi mistoqsi meta ħa l-aħħar id-droga kokaina, huwa wieġeb "*Gimgha ilu*"[12].

59. Jirriżulta in oltre illi din l-istqarrija ġiet rilaxxjata mill-akkużat volontarjament, mingħajr theddid jew biża', wegħdiet jew bi twebbil ta' xi vantaġġi. Huwa kkonferma illi l-istess stqarrija kienet il-verita`, wara li ġiet moqrija lilu, iddikjara illi ma kellux xi jżid, inaqqas jew jibdel minnha, u għażel li jiffirmaha.

[11] Ara a fol. 79 tal-atti.
[12] Ara a fol. 77 tal-atti.

60. Iżjed minn hekk, l-istqarrija m'hijiex l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-akkużat. Jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi fl-istadju tal-kumpilazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet provi oħrajn, li jidher illi sejra tressaqhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u illi ma jikkonsistux sempliċement fl-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat. Minkejja illi l-akkużat isostni, dwar is-Sitt Kap tal-att tal-akkuża, illi l-Avukat Ġenerali sejjes dan il-Kap fuq l-istqarrija tal-akkużat, jirriżulta mill-parti narrattiva tal-istess Kap, illi fil-fatt l-Avukat Ġenerali jirreferi wkoll għall-"*investigazzjoni li saret mill-Pulizija*", oltre illi, kif ingħad, mill-atti jirriżultaw provi ulterjuri apparti din l-istqarrija. Dan qed jingħad kemm in kwantu l-akkuża mertu tas-Sitt Kap, kif ukoll in kwantu l-akkużi l-oħrajn fl-istess att tal-akkuża.

61. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawża ta' **Matthew Farrugia**, fuq ċitata:

> 52. B'hekk in linja ma' dak deċiż fil-kawżi **Dalli** u **Spagnol** imsemmija iżjed il-fuq, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali l-iktar riċenti issa trid li:
>
> a. fejn si tratta ta' stqarrijiet rilaxxati bejn l-10 ta' Frar 2010 u t-28 ta' Novembru 2016 u
> b. fejn ikun ġie amministrat lis-suspettat id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni (iżda mhux ukoll waqt l-interrogazzjoni, u irrispettivament jekk is-suspettat ikunx ukoll irrinunzja għal dak id-dritt li huwa kellu),
>
> ma jitqiesx li tapplika regola tal-esklużjoni awtomatika tal-istess stqarrijiet rilaxxjati mis-suspettat jew akkużat in bażi għal ksur awtomatiku tal-jedd tas-smigħ xieraq. Iżda biex wieħed ikun jista' jqis jekk u safejn ir-rilaxx ta' tali stqarrija jkunx jista' jkollha impatt fuq id-dritt ta' smigħ xieraq ta' dak li jkun, tkun trid issir evalwazzjoni tal-proċess penali fl-intier tiegħu skont il-kriterji mfassla f'Beuze u l-każijiet l-oħra msemmija.

62. Illi għalhekk skont l-insenjament fis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każijiet ta' **Spagnol** u ta' **Dalli**, l-analizi dwar il-valur probatorju tal-istqarrija tal-akkużat, issir wara s-smigħ tal-provi waqt iċ-ċelebrazzjoni

tal-ġuri, u mhux f'dan l-istadju, meta lanqas għadu beda s-smigħ tal-istess ġuri u għalhekk ma jistax isir l-ezerċizzju ta' analiżi tal-*overall fairness* tal-proċeduri, skont il-kriterji esposti fil-każijiet ta' **Beuze** u **Farrugia**.

63. Illi fl-assenza ta' regola statutorja, jew dik hekk imsejħa '*exclusionary rule of evidence'* fil-liġi penali, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju teskludi l-ammissibilita` tal-istqarrija rrilaxxjata mill-akkużat, kif qed jitlob l-istess akkużat. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Bugeja u Piero di Bartolo**, ta' nhar it-22 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irriteniet is-segwenti:

> Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tippreklużi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi f'dawn il-każijiet li l-Qorti qed issib f'ħoġorha li jittrattaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati mill-persuna akkużata li ma ngħatatx l-assistenza legali la qabel u wisq anqas waqt it-teħid ta' dik l-istqarrija, hija qed tiġi imsejħa tqies l-ilment mill-ottika ta' dritt kostituzzjonali iktar milli fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju penali. Dan għaliex mhux qed tiġi invokata ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet fejn allura jiġi mfittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali.[13]

64. Din il-Qorti f'dan l-istadju għandha quddiemha stqarrija valida skont il-liġi viġenti fiż-żmien tat-teħid tagħha; stqarrija kwindi li ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli.

65. Finalment jingħad illi in kwantu għall-valur probatorju ta' din l-istqarrija, ikun jispetta lill-ġurati ossia lill-imħallfin tal-fatt illi jistħarrġu u jagħmlu l-analiżi tagħhom waqt l-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u dan wara li l-partijiet ikunu fasslu l-każ tagħhom u wara li l-Imħallef togat jiggwida lill-ġurati ai termini ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 465 tal-Kodiċi

---

[13] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf u Josephine Wadi** tas-27 ta' Jannar 2021.

Kriminali. Kif ingħad fis-sentenza ta' **<u>Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf u Josephine Wadi</u>**, fuq ċitata:

> **23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravji sollevati mill-Avukat Ġenerali jistħoqqilhom akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqa' id-dritt tagħhom li jitolbu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom.**

66. Għalhekk la jista' jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi s-Sitt Kap tal-att tal-akkuża huwa null, għaliex skont l-akkużat dan huwa msejjes fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu, u lanqas illi l-istqarrija meħuda lill-istess akkużat hija prova inammissibbli skont il-liġi.

67. **Għaldaqstant, il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat qegħdin ukoll jiġu miċħuda.**

68. Illi permezz tas-**<u>seba' eċċezzjoni preliminari</u>**, l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilta` tal-istqarrija rilaxxjata minn Emanuel Calleja lill-Pulizija Eżekuttiva nhar id-9 ta' Awwissu 2015, hekk kif ġuramentata mill-istess Calleja quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar l-10 ta' Awwissu 2015. Fil-fehma tal-istess akkużat, hekk kif l-istqarrija rilaxxjata minnu (mill-istess akkużat) hija prova inammissibbli, daqstant hija inammissibbli l-istqarrija rilaxxjata minn Calleja, għaliex anke fil-każ tiegħu, din ittieħdet mingħajr il-jedd għall-assistenza legali, fid-dawl tal-fatt illi l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi dak il-jedd.

69. Illi hawnhekk din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Moumen Traore</u>** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2016, fejn ingħad hekk:

> Issa meta il-Qorti tqis illi prova hija inammissibbli u għalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi dispożizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'ċirkospezzjoni kbira sabiex tqis jekk il-prova li l-akkużat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-liġi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbiltà tagħha.

70. Illi kif ingħad diġa` b'rabta mal-ħames u mas-sitt eċċeżżjonijiet preliminari, u kif diversi drabi kkonfermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita` ta' prova fil-kamp penali huwa illi prova ma titqiesx inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa fil-liġi illi tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova.

71. Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-istqarrija ta' Emanuel Calleja lill-Pulizija Eżekuttiva ġiet meħuda lilu skont il-liġi viġenti fiż-żmien in kwistjoni, ossia wara li huwa ngħata d-dritt li jibqa' sieket u ġie infurmat illi dak li jgħid jista' jinġieb bi prova, kif ukoll id-dritt illi qabel l-interrogazzjoni, jitħalla kemm jista' jkun malajr jikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon għal mhux iżjed minn siegħa u wara li ġiet spjegata lilu r-regola tal-inferenza kif viġenti fl-istess żmien. Jirriżulta in oltre illi huwa kkonferma li fehem it-twissija mogħtija lilu, illi huwa ngħata l-jedd għall-parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx, kif ukoll illi ġie mogħti karta bid-drittijiet tiegħu bħala persuna arrestata. Jirriżulta wkoll illi Calleja ddikjara illi l-istess stqarrija ġiet rilaxxjata minnu volontarjament, mingħajr theddid, biża' u wegħdiet ta' vantaġġi, li din kienet il-verita` kollha u wara li ġiet moqrija lilu mill-Uffiċjal Investigatur, iddikjara wkoll illi din kienet korretta u għażel li jiffirmaha.[14]

72. Jirriżulta in oltre illi din l-istqarrija ġiet ġuramentata mill-istess Emanuel Calleja, li xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 120Ċ(4) u (5) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u illi hija prova ammissibbli skont il-liġi fit-termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u

[14] Ara din l-istqarrija a fol. 31 *et seq* tal-proċess, liema stqarrija tifforma parti mill-proċess verbal esebit a fol. 24 *et seq* tal-istess proċess.

tal-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, salv illi jirriżultaw iċ-ċirkostanzi msemmija iżjed 'il fuq fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti b'rabta mat-tieni eċċezzjoni preliminari. Il-Qorti tinnota wkoll illi qabel Calleja kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu bil-ġurament u xehed quddiem l-Inkwirenti, huwa reġa' ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket u li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bħala prova, kif ukoll bid-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istess xhieda tiegħu. Fir-rigward, wara li x-xhud informa lill-Inkwirenti illi "*issa kellimtu barra*" u "*tajtu l-karti*"[15] b'referenza għall-avukat, mistoqsi jekk riedx jerga' jkellem lill-avukat qabel ix-xhieda tiegħu, huwa wieġeb illi ma kienx hemm għalfejn.[16]

73. Il-kwistjoni sollevata mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni preliminari ġiet ikkunsidrata u deċiża mill-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** tat-13 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti qalet hekk dwar stqarrija ġuramentata ta' terza persuna, meta l-ammissibilita` ta' dik l-istqarrija ġuramentata ġiet attakkata mill-imputat fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu:

> 14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.
>
> 15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:

[15] Ara a fol. 38 tal-proċess.
[16] A fol. 39 tal-atti.

»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – filkaż tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«

16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:

»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.

»... ... ...

»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.

»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«

17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li

ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.

18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.

74. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, ma tirriżulta l-ebda prova mill-atti proċesswali illi turi illi x-xhud Emanuel Calleja ikkontesta l-istqarrija rilaxxjata minnu u kkonfermata bil-ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Anzi mhux talli Calleja ma jidhirx li kkontesta l-istqarrija rilaxxjata minnu mingħajr il-jedd tal-assistenza legali waqt it-teħid tal-istess stqarrija, talli sussegwentement deher quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u kkonferma l-kontenut tagħha bil-ġurament. Kull ma jirriżulta mill-atti odjerni huwa illi fl-udjenza miżmuma quddiem il-Qorti Istruttorja nhar l-14 ta' Ottubru 2015, l-istess Emanuel Calleja għażel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu, kif kellu kull dritt li jagħmel, u dan fid-dawl tal-proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu.[17] Jerġa' jiġi ribadit, illi f'dak l-istadju, Calleja kien għadu ko-akkużat mal-akkużat tal-lum, minkejja li fi proċeduri separati, u għaldaqstant, f'dak l-istadju lanqas ma kien xhud kompetenti.

75. In oltre kemm il-darba l-proċeduri kontra Calleja jkunu ntemmu fiż-żmien taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fil-konfront tal-akkużat, allura l-istess Calleja jixhed matul l-istadju tal-ġuri, f'liema stadju l-akkużat ikollu kull

[17] Ara a fol. 70 tal-atti proċesswali.

opportunita` li jagħmel il-kontro-eżami tal-istess xhud, bħala parti mid-difiża tiegħu.

76. **Għaldaqstant, din is-seba' eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

77. Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, **it-tmien eċċezzjoni preliminari** tal-akkużat ġiet irtirata minnu fl-udenzja miżmuma quddiem din il-Qorti nhar il-25 ta' Settembru 2024.

78. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

79. Illi finalment, permezz tad-**disa' eċċezzjoni preliminari**, l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilta` tar-ritratti li jesponu s-sustanzi mertu tal-proċeduri odjerni, il-flus kontanti u kwalsiasi oġġett anċillari misjub ġewwa l-fond li fih kien jirrisjedi l-istess akkużat. Skont l-akkużat, tali ritratti, esebiti a fol. 316 sa 340 u a fol. 639 sa 670, għandhom jiġu sfilzati u dan għaliex il-presenza tagħhom m'hijiex neċessarja sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha u l-unika effett tagħhom fuq il-ġurati se jkun wieħed illi jimpressjonahom, b'tali mod illi jitnibbet fihom sens ta' preġudizzju fil-konfront tiegħu. L-istess ritratti m'għandhom l-ebda skop, jgħid l-akkużat, u m'għandhom l-ebda oġġett ta' prova, iżjed u iżjed meta l-oġġetti nfushom jinsabu wkoll esebiti fl-atti.

80. Fir-rigward, din il-Qorti diġà kellha l-opportunita` li tirriafferma r-regola dwar l-ammissibilita` tal-prova, fejn ma jkunx hemm *exclusionary rule of evidence.* Din il-Qorti ma tqisx illi r-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi huma inammissibbli bħala prova għaliex milquta minn xi regola statutorja li tipprojbixxi l-produċibilita` tagħhom f'dawn il-proċeduri. Tali ritratti jikkostitwixxu prova valida u ammissibbli li l-Prosekuzzjoni għandha kull dritt u dover li tressaq bħala prova quddiem il-ġurati, fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u għalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari.

81. **Għaldaqstant, id-disa' eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.**

Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u d-disa' eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat **Casey Anthony VELLA**, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien eċċezzjoni preliminari.

B'hekk il-kawża qed tiġi differita *sine die* sakemm jiġi deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha sabiex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati.

Sadanittant l-akkużat jibqa' fl-istess stat li jinsab fih illum in kwantu l-liberta` provviżorja.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**